MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Numru. 42/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Paul Camilleri)**

**vs**

**Etienne-Louis Grech ta' 32 sena bin Felix u Antoinette nee' Farrugia,
imwieled Attard fil-21 ta' Novembru, 1974 u residenti "Chevron", Triq Ninu Cremona, Victoria, Ghawdex,
detentur
tal-karta tal-identita' numru 10775(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi **ETIENNE-LOUISE GRECH** li gie akkuzat talli fis-6 ta' Frar 2006 u fil-gimghat ta' qabel gewwa l-Gzira ta' Ghawdex, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta'

kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Lm 100 (mitt Lira Maltin) izda anqas minn Lm 1000 (elf Lira Maltin) ghad-dannu ta’ Gino Gauci mir-Rabat, Ghawdex; Mark Piscopo minn Nadur, Ghawdex u Manuel Buttigieg minn Ghajnsielem, Ghawdex u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi bi hsara tal-persuni fuq imsemmija, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm 100 bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa u dan bi ksur tal-artikolu 121 (A) 2 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat anki wara li naghta zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni, l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija u anke irrifonda l-flus kollha illi huwa kiseb indebitament minghand il-vittmi kollha involuti;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 121(A), 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda fuq

ammissjoni ta' l-imputat issibu hati u tikkundannah ghal sena prigunerija, li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A, tal-Kap. 9, dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din s-sentenza;

Il-Qorti qeghda tordna illi kopja ta' l-atti u s-sentenza jigi mibghuta lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------